**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 28 ta' Novembru 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 450 /2024 JPG**

**Kawza nru.: 18**

**PV u AC**

**Vs**

**X**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 18 ta' Settembru 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu fil-knisja tas-Salib Imqaddes fil-Furjana fi tmienja u ghoxrin ta' Gunju, tas-sena elf, disa' mija, hamsa u tmenin (28/06/1985), vide kopja tac-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala* ***Dok A****.*
2. *Illi l-partijiet ffirmaw kuntratt ghal separazzjoni bonarja fl-atti tan-Nutar Roberta Borg data hdax ta' Dicembru tas-sena elfejn, tlieta u ghoxrin (11/12/2023), anness u mmarkat bhala* ***Dok B****.*
3. *Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom hamest (5) itfal u cioe' CV, MV, MTV, KV, CGV, ahwa V li llum huma maggorenni u indipendenti.*
4. *Illi l-partijiet ilhom de facto separati xhur qabel iffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni u jiddikjaraw li ma hemm l-ebda pendenzi bejniethom.*
5. *Illi ma hemmx possibilita' ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi llum il-gurnata jghixu hajja totalment separata minn xulxin kif konfermat fl-affidavits tal-partijiet annessi u mmarkati bhala* ***DOK C1*** *u* ***DOK C2.***

6. *Illi s-suespost jissodisfaw il-kriterji taht l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta biex jottjenu d-divorzju.*

*Ghal dawn il-motivi l-partijiet umilment jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li:*

i) *Iz-zwieg taghhom hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi;*

ii) *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan id-divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**AC xehdet** (vide affidavit fol 11) illi huma izzewgu nhar it-28 ta' Gunju 1985. Minn dan iz-zwieg kellhom hamest (5) titfal, illum maggorenni u indipendenti. Xehdet illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali nhar il-11 ta' Dicembru 2023 fl-atti tan-Nutar Dr Roberta Borg. Hi ikkonfermat li ilhom de facto separati mis-sena 2009. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**PV xehed** (vide affidavit fol 12) u kkonferma u korrobora ix-xhieda ta' martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment***

> ***adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
>
> ***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-28 ta' Gunju 1985 liema zwieg jgib certifikat numru 1109/1985 (Vide certifikat taz-zwieg, DOK A fol 4). Jirrizulta li l-partijiet kellhom hamest itfal illum kollha maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Roberta Borg nhar il-11 ta' Dicembru 2023 (Vide fol 5 et seqq.) izda ilhom jghixu separatament sa minn 2009. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1109/1985 u tordna lir-**

**Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Nicole Caruana**
**Deputat Registratur**